# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1014/02**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Jason Pace**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm370.93 (tlett mija u sebghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) rapprezentanti diversi kambjalijiet li nhargu fil-15 ta' Dicembru 1998 minn Jason Pace favur Antoine Vassallo ta' Antoine Auto Dealer ghall-ammont ta' Lm52.99 kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' erbgha u ghoxrin xhur. Il-konvenut naqas li jhallas seba' il-kambjala ta' Lm52.99 kull wiehed li mmaturaw fil-15 ta' kulll xahar bejn Gunju 2000 u Dicembru 2000.

Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa Lm370.93 (tlett mija u sebghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut minn John Sultana;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm370.93 (tlett mija u sebghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) rapprezentanti import ta' kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**